

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Dokument ta' sessjoni*

16.4.2009

B6-0186/2009

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

impressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

skont l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura

minn Daniel Cohn-Bendit, Monica Frassoni u Pierre Jonckheer

f'isem il-Grupp Verts/ALE

fis-Samit tal-G20 ta' Londra tat-2 ta' April 2009

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew fis-Samit tal-G20 ta' Londra tat-2 ta' April 2009**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tas-Samit tal-G20 li sar f'Londra mit-2 sat-3 ta' April 2009,
  - wara li kkunsidra l-laqqgħa li saret f'Berlin, fit-22 ta' Frar 2009, bejn Franza, ir-Renju Unit, l-Italja u l-Ġermanja, flimkien mal-mexxejja tal-Olanda u ta' Spanja u mal-Prim Ministru Ċek u l-Presidenti tal-Kummissjoni, tal-Eurogroup u tal-Bank Ċentrali Ewropew, dwar it-tnejjija tas-samit tal-G20 f'Londra tat-2 u 3 ta' April 2009;
  - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqqgħa tal-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Marzu 2009,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-UNEP 'Barra mill-Kriżi – Opportunità' tas-16 ta' Frar 2009, li jhegġegħ lill-G20 biex jippreżentaw 'New Deal Aħdar Globali';
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-ILO, bl-isem 'Il-Kriżi Finanzjarja u Ekonomika: Perspettiva ta' Xogħol Diċenti' tal-24 ta' Marzu 2009, li jhegġegħ lill-G20 biex iressqu pakkett ikkoordinat ta' stimuli li jkun orjentat lejn il-protezzjoni soċjali u l-ħolqien tal-impjiegi;
  - wara li kkunsidra l-abbozz tal-konklużjonijiet tal-kummissjoni ta' esperti tan-NU dwar 'Il-Kriżi Finanzjarja u Ekonomika Dinjija u l-Impatt Tagħha fuq l-Iżvilupp' tad-19 ta' Marzu 2009, li jhegġegħ riforma sistematika tal-mekkaniżmi globali tat-tmexxija ekonomika;
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu;
- A. billi l-kollass tal-kreditu tal-ipoteki (subprimes) ħareġ fid-dieher l-espożizzjoni għal riskji f'diversi oqsma u kkaġuna t-tneħħija ta' f'daqqa ta' pożizzjonijiet spekulattivi fis-swieq tal-ishma, tal-merkanzija u tal-muniti;
- B. billi l-akkumulazzjoni u t-tfaqqiġ tal-kriżi globali fis-sistema finanzjarja kienu akkumpanjati minn żieda kbira u mhux tas-soltu u sussegwentement minn tregġiġh lura tal-prezzijiet tal-merkanzija prima fuq skala internazzjonali; billi ż-żieda qawwiya u konsistenti fil-prezzijiet tal-merkanzija prima bejn l-2002 u nofs l-2008 kienet akkumpanjata mill-preżenza dejjem tikber ta' investituri finanzjarji fis-swieq futuri tal-merkanzija;
- C. billi ż-żieda kontinwa fl-iżbilanċi kummerċjali dinjija u l-iskonnessjoni dejjem tikber tal-movimenti tar-rati nominali tal-kambju mad-differenzjali ta' l-inflazzjoni bejn il-pajjiżi kienu l-kawżi ewlenin tal-kriżi finanzjarja u ekonomika kurrenti;
- D. billi ċ-ċentri ta' barra l-pajjiż (offshore centres) jippermettu b'mod abbużiv l-evitar u l-

evażjon tat-taxxa u tar-regolamenti finanzjarji, u billi l-evitar u l-evażjoni internazzjonaliu tat-taxxa jikkostitwixxu xkiel kbir fil-kisba tal-Għanijiet tal-Millennju;

- E. billi l-globalizzazzjoni tagħmel il-koperazzjoni ekonomika u finanzjarja kruċjali u titlob tweġibiet globali f'oqsma bħall-aġġustamenti tal-bilanċi tal-pagamenti, ir-regolamentazzjoni u s-superviżjoni finanzjarja, il-ġestjoni u r-riżoluzzjoni tad-dejn; billi l-kordinazzjoni internazzjonali għandha tkun orkestrata minn korpi li jissodisfaw erba' kriterji tradizzjonali: l-effettività, il-leġittimità, ir-rappreżentanza u r-responsabilità;

### **It-tiġdid tal-fiduċja u l-ħolqien ta' tkabbir aħdar u ta' impjiegi**

1. Jiddispjaċih li l-iżbilanċi globali, li huma l-għerq tal-kriżi finanzjarja, ma ġewx ittrattati mis-samit tal-G20; ifakkar li biex tiġi evitata kriżi finanzjarja oħra fil-ġejjieni, għandhom jiġu ttrattati l-kawżi ewlenin (pereżempju l-finanzjament tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Uniti mill-bilanċi favorevoli eċċessivi taċ-Ċina), li l-implikazzjonijiet tagħhom imorru lil hinn mill-qasam tar-regolamentazzjoni bankarja u finanzjarja u mit-tmexxija istituzzjonali;
2. Iqis li risposta multilaterali effettiva għall-kriżi titlob riforma regolatorja multidimensjonali u sistematika sabiex tiġi meġhluha l-volatilità tar-rati tal-kambju u tal-prezzijiet tal-merkenzija; jiddispjaċih li s-samit tal-G20 ta' Londra ma qajjimx dawn il-kwistjonijiet; għalhekk iħeġġeġ lill-Kunsill Ewropew biex jadotta pożizzjoni komuni sabiex jittratta dawn il-kwistjonijiet matul is-samit tal-G20 li jmiss li ser isir f'New York;
3. Jappoġġja l-ħolqien tal-G20, li ħa post il-G7, u jqisu bħala l-ewwel pass lejn iż-żieda fl-effiċjenza u l-leġittimità tat-tmexxija ekonomika dinjija; madankollu jikkundanna l-fatt li l-pajjiżi l-oħra, jiġifieri l-'G 172', li huma l-iżjed li jbatu mill-konsegwenzi tal-kriżi fil-finanzi, fl-ikel, fl-enerġija u fl-ambjent, ma kellhom l-ebda vuċi fis-samit, u b'hekk ingħata l-ġenb it-tħassib tagħhom fir-rigward tat-tfassil ta' ordni ekonomika dinjija ġdida kif indikat fl-abbozz tar-rapport tal-kummissjoni tan-NU dwar il-kriżi;
4. Jirrakkomanda forom ġodda ta' rappreżentazzjoni għall-G20 u korpi internazzjonali oħrajn, li jagħtu vuċi soda lill-parlamenti tal-pajjiżi rispettivi u jippermettulhom li jeżerċitaw kontroll demokratiku fuq il-gvernijiet tagħhom li jinnegozjaw u jieħdu d-deċiżjonijiet f'korpi bħal dawn;
5. Jemmen li l-korpi li jieħdu d-deċiżjonijiet fuq livell globali għandhom – fuq medda ta' żmien twil – jinġiebu taħt l-awspiċċi tan-NU, possibilment billi jsir iżjed żvilupp fil-korpi eżistenti tan-NU, bħall-Kunsill Ekonomiku u Soċjali;
6. Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn li jitnieda programm globali ta' appoġġ ta' USD 1.1 triljun sabiex jiġġeddu l-kunfidenza, it-tkabbir u l-impjiegi; madankollu jiddispjaċih li s-samit tal-G20 ma kienx kapaċi jikkoordina l-istimuli fiskali jew li jifhem l-importanza kbira li jarmonizza l-miżuri li jittrattaw il-kriżi ekonomika mal-imperattivi tal-politika dwar il-klima; iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali kif ukoll lil banek multilaterali tal-iżvilupp oħrajn biex iqisu bis-sħiħ il-ħtiġijiet tal-pajjiżi emerġenti u tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod speċjali daww bi dħul baxx, li huma l-pajjiżi li jbatu l-iżjed mill-konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja mingħajr m'huma responsabbli tagħha;

7. Jiddispaċiġi ħafna li ma ġie propost xejn konkret biex tingħata spinta tajba lil New Deal Aħdar Globali, b'mod konformi mar-rapport UNEP "Barra mill-Kriżi – Opportunità" tas-16 ta' Frar 2009, li ħeġġeġ lill-G20 biex jippreżentaw "New Deal Aħdar Globali" bħala mezz kif tiġi ttrattata b'mod komprensiv il-'kriżi trippla' (il-kriżi ekonomika, soċjali u ambjentali);
8. Jiddispaċiġi li l-konklużjonijiet tas-samit tal-G20 ma jinkludu l-ebda proposta speċifika dwar kif jista' jitfassal programm ta' appoġġ b'mod li jstimula, partikularment, il-ħolqien tal-impjiegi u l-ħtiġijiet tal-inklużjoni soċjali, kif inhu speċifikat u mitlub fir-rapport tal-ILO;

### **Superviżjoni u regolamentazzjoni finanzjarja**

9. Jilqa' b'sodisfazzjon, bħala l-ewwel pass lejn sistema globali ta' tmexxija ekonomika iżjed inklużiva, id-deċiżjoni li jiġi stabbilit Bord għall-Istabilità Finanzjarja ġdid b'mandat imsaħħaħ, bħala s-suċċessur tal-Forum għall-Istabilità Finanzjarja (FSF); iqis li l-FSB il-ġdid, bħal ma jiġri f'organizzazzjonijiet finanzjarji oħrajn bħall-FMI u l-Bank Dinji, għandu jkun miftuħ għall-iskrutinju u għandu jagħti lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili l-opportunità li jipparteċipaw;
10. Ifakkar fil-ħtieġa li ssir riforma fit-tmexxija tal-istituzzjonijiet Bretton Woods sabiex jiġu modifikati d-drittijiet ta' votazzjoni u tinħoloq skema ta' maġġoranza doppja tal-istati membri u tas-sehem ta' kapital;
11. Iħeġġeġ lill-Kunsill Ewropew biex waqt il-laqgħa tal-G20 jappoġġa l-proposta UNCTAD dwar it-twaqqif ta' reġim multilaterali ġdid li jevita l-ispekulazzjoni fil-munita u jipprovdi spazju ta' politika għall-pajjiżi kollha biex isegwu politiki fiskali u monetarji espansivi sabiex jipproteġu l-impjiegi u l-ekonomiji domestiċi ta' tagħhom quddiem reċessjoni jew kriżi finanzjarja;
12. Jilqa' d-deċiżjoni tal-G20 li jsaħħaħ l-oqfsa internazzjonali għal regolamentazzjoni prudenti, u l-intenzjoni tiegħu li jestendi r-regolamentazzjoni u s-superviżjoni għall-istituzzjonijiet, l-istrumenti u s-swieġ finanzjarji li huma sistematikament importanti;
13. Iqis li d-deċiżjonijiet u l-impenji meħuda fis-samit G20 jirrappreżentaw il-minimu u mhux il-massimu; għalhekk iħeġġeġ lill-UE biex tniedi politiki iżjed ambizzjużi f'termini ta' regolamentazzjoni u superviżjoni fl-UE, b'mod speċjali fir-rigward tal-hedge funds u l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu;
14. Ifakkar ukoll li jeħtieġ awtorità superviżorja tal-UE li għandha tiġbor u tanalizza informazzjoni kunfidenzjali mikro u makro mal-banek ċentrali, u li taġixxi bħala forza ta' reazzjoni rapida f'sitwazzjonijiet ta' kriżi li jkollhom impatt sistematiku fuq l-UE;
15. Huwa tal-fehma li l-iskema ta' remunerazzjoni għal manigġers u kummerċjanti fis-settur finanzjarju hija kwistjoni essenzjali li għandha tiġi indirizzata sabiex tkun assigurata l-istabilità finanzjarja; jilqa' b'sodisfazzjon, f'dan il-kuntest, ir-rieda tal-G20 li jiżgura li l-istrutturi ta' kumpens ikunu konsistenti mal-għanijiet għat-tul u mat-teħid prudenti tar-

riskji tal-kumpanija; jinsisti li l-Kumitat ta' Basel għas-Superviżjoni Bankarja jressaq proposti konkreti f'dan ir-rigward sal-ħarifa tal-2009;

#### *Rifuġi fiskali u ġurisdizzjonijiet mhux koperattivi*

16. Jieħu nota tal-intenzjoni li jiġu ttrattati l-problemi tar-rifuġi fiskali u tal-ġurisdizzjonijiet mhux koperattivi; madankollu jqis li l-konklużjonijiet tal-G20 huma kritika ineffettiva u retorika tar-rifuġi fiskali u taċ-ċentri ta' barra l-pajjiż (offshore) mhux koperattivi;
17. Jenfasizza l-ħtieġa ta' sistema globali ta' koperazzjoni u ta' skambji ta' informazzjoni f'kwistjonijiet fiskali; jiddispjaċih ħafna dwar in-nuqqas ta' skeda ta' mekkaniżmi konkreti biex l-hekk imsejħa ġlieda kontra r-rifuġi fiskali tingħata s-saħħa; ifakkar, f'dan il-kuntest, li huwa importanti ħafna li jintemm l-użu ta' persuni ġuridiċi artifiċjali bħala mod kif tiġi evitata t-taxxa; isostni wkoll li minflok is-segretezza bankarja, l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni għandu jkun il-prassi prevalenti fiċ-ċirkustanzi kollha u fil-pajjiżi kollha tal-UE u t-territorji dipendenti;
18. Jistieden lill-UE biex tieħu azzjoni biex teqred ir-rifuġi fiskali, l-evazzjoni tat-taxxa u l-ħruġ illegali tal-kapital minn pajjiżi li qed jiżviluppaw; jitlob, għalhekk, għal ftehim għdid u vinkolanti li ġġiegħel lill-korporazzjonijiet transnazzjonali jiddikkjaraw b'mod awtomatiku l-profitti u t-taxxi mħallsa tagħhom fil-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw li joperaw fihom;
19. Jilqa' b'sodisfazzjon u jappoġġja bis-sħiħ it-talba magħmula mill-Assemblea Parlamentari EUROLAT fit-8 ta' April 2009 lill-pajjiżi tal-LAC-EU 'biex jaġixxu flimkien sabiex jeqirdu r-rifuġi fiskali kollha fit-territorju tagħhom u biex jaħdmu fuq livell internazzjonali biex jinqerdu l-bqija u favur sanzjonijiet kontra kumpaniji u individwi li jużaw is-servizzi tagħhom';

#### *Standards tal-kontabilità*

20. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni li ssir reviżjoni tal-istandards tal-kontabilità għall-valutazzjoni ta' strumenti finanzjarji u li tittieħed azzjoni sal-aħħar tal-2009 biex jittejjeb l-involviment tal-partijiet interessati permezz tar-reviżjoni kostituzzjonali tal-IASB;
21. Ifakkar, f'dan il-kuntest, li l-Bord ta' l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IASB) għandu jinkludi, fl-Istandards Internazzjonali ta' Rappurtaġġ Finanzjarju dwar ir-rappurtar skont is-segmenti, rekwiżit li l-korporazzjonijiet multinazzjonali jirrapportaw fuq bażi ta' pajjiż b'pajjiż fuq it-tranżazzjonijiet tagħhom kollha (spejjeż tax-xogħol, spejjeż finanzjarji, profitti qabel it-taxxa eċċ); iqis li dan għandu jipprovdi lill-investituri, lill-partijiet interessati u lill-awtoritajiet fiskali stampa komprensiva ta' kull grupp, u b'hekk jiffaċilita allokkazzjoni internazzjonali iżjed effettiva u trasparenti tal-bażi tat-taxxa;
22. Iqis li l-kostituzzjoni tal-IASB għandha tkun irriformata sabiex din l-organizzazzjoni ma tibqax kumpanija b'sjieda privata bil-finanzi tagħha kkontrollati minn kumpaniji tal-kontabilità kbar, u minflok issir aġenzija internazzjonali bħala kummissjoni speċjalista tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali;

## **Il-finanzjament u r-riforma tas-sistema finanzjarja internazzjonali biex tiġi megluba l-kriżi**

23. Jieħu nota tal-interess fi rwol imsaħħaħ għall-FMI bħala sellief aħħari u fit-tisħiħ tal-kapaċità ta' self tal-FMI permezz tal-allokkazzjoni ta' madwar USD 500 biljun; jilba' b'sodisfazzjon, b'mod partikulari, il-ħruġ ta' USD 250 biljun f'Drittijiet ta' Tisliet Speċjali (SDR); madankollu huwa ddiżappuntat li l-SDRs il-ġodda ser jiġu allokatil lil 186 membru tal-FMI skont il-kwoti jew l-ishma ta' votazzjoni tagħhom, li ser jikkawża nuqqas serju ta' finanzjament tal-ħtiġijiet tal-membri bi dħul medju jew tal-membri foqra li qed jiżviluppaw, peress li għal dawn il-pajjiżi ser jiġu allokatil biss USD 80 biljun f'SDRs;
24. Iqis li huwa nuqqas kbir li l-G20 ma nsistix fuq xi riforma fil-politika tal-FMI flimkien mat-tisħiħ tal-irwol tiegħu bħala sellief aħħari; għadu mħasseb ħafna li l-FMI, fil-kundizzjonijiet li għamel għas-self lil pajjiżi li ntlaqtu mill-kriżi (inklużi l-Ungerija u l-Latvja), ippreskriva l-istess xorta ta' politiki monetarji u fiskali pro-ċikliċi li kienu daħħlu lill-pajjiżi Ażjatiċi fi kriżi ekonomika fl-1997/98;
25. Huwa ddiżappuntat dwar in-nuqqas totali tas-samit G20 li jgħin pajjiżi li qed jiżviluppaw jevitaw kriżi qawwija ta' dejn, permezz ta' sistema internazzjonali b'dimensjoni temporali ta' ffriżar tad-dejn jew tal-ittrattar tad-dejn, jew permezz tat-twaqqif ta' mekkaniżmu internazzjonali għall-falliment' jew ta' għodda simili sabiex jitħallsu biss partijiet minn self li l-valur tas-suq tiegħu jkun waqa', kif qiegħed jiġi permess fil-mument lill-kumpaniji u lill-banek li jinsabu f'diffikultà; jitlob biex issir ridefinizzjoni tal-qafas tas-sostenibilità tad-dejn tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u t-twaqqif ta' qafas ta' self multilaterali responsabbli;
26. Jemmen li l-FMI għandu jagħti l-kontribut tiegħu biex jintlaħqu l-Għanijiet tal-Millennju; jitlob, f'dan ir-rigward, li jkun hemm koordinazzjoni aħjar u iżjed koerenza tal-politiki tal-FMI, tal-aġenziji tan-NU (UNDP, UNEP, UNCTAD, ILO, eċċ) fil-qasam tal-politika ekonomika u soċjali, kif ukoll tal-UE;
27. Iqis li l-ikbar falliment tas-samit G20 kien li ma rnexxilux joħroġ bi pjan dwar ir-regolamentazzjoni tal-attivitajiet transkonfinali tal-istituzzjonijiet finanzjarji jew tal-flussi finanzjarji transkonfinali, jew għall-inqas isaħħaħ il-ħila tal-pajjiżi li jirregolaw il-fluss tal-fondi transkonfinali;

## **Il-promozzjoni tal-kummerċ u l-investment dinji**

28. Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tas-samit ta' Londra li jipprovdi sa USD 250 biljun f'garanziji sabiex jippermetti lill-kummerċjanti li jkollhom l-aċċess għall-kreditu; jiddispjaċih, madankollu, li l-pjan ma jindikax kif tali garanziji fuq il-kreditu tal-esportazzjoni jistgħu jkunu estiżi għal dawk il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u li huma l-iżjed fil-bżonn, l-iżjed għall-Afrika Subsaharjana, li matul dis-sena l-esportazzjoni tagħha s'issa naqset b'40%, l-iżjed minħabba stringenzi fl-aċċess għall-kreditu kummerċjali;

29. Jieħu nota tat-talba kontinwa li saret lis-samit G20 sabiex ikunu konklużi n-negozjati tal-Aġenda ta' Żvilupp ta' Doha tad-WTO; itenni l-konvinzjoni tiegħu li n-negozjati ta' Doha m'humix ser jipprovdu soluzzjoni għall-kriżijiet ekonomiċi u finanzjarji preżenti, u li jeħtiegħ li dawn jiġu riveduti mill-qiegħ sabiex terġa' tiġi stabbilita sistema ta' kummerċ multilaterali li tkun favur l-iżvilupp; jistieden lid-WTO biex tagħmel proposti dettaljati sabiex tiġi ffriżata l-implimentazzjoni tal-impenji ta' liberalizzazzjoni preżenti fir-rigward tas-servizzi finanzjarji transkonfinali, sakemm jibqa' ma jkunx hemm strutturi ta' sorveljanza globali;

### **L-iżgurar ta' rkupru ġust u sostenibbli għal kulħadd**

30. Jemmen li l-ġlieda kontra l-faqar għandha tkun ibbażata fuq ir-rikonoxximent tad-dritt ta' pajjiż jew ta' reġjun li jkollu s-sovranità tal-ikel u fuq id-dritt li jiddefenixxi l-politiki, il-prijoritajiet u l-istrateġiji tiegħu b'mod demokratiku, sabiex jiproteġi l-ġhixien u d-drittijiet soċjali, ekonomiċi u kulturali tal-popolazzjoni tiegħu, u jemmen li dawn il-prinċipji għandhom jingħataw prijorità fuq il-liberalizzazzjoni, id-deregolamentazzjoni u l-privatizzazzjoni;
31. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tressaq proposti dwar l-introduzzjoni ta' taxxa ta' tranżazzjoni finanzjarja fl-UE kollha li tkun tista' tgħin fil-finanzjament ta' investiment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex jixxejnu l-aġar konsegwenzi tal-kriżi u sabiex tibqa' żżomm triqtha fil-kisba tal-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp;